

17.5.2021

B9-0272/1

Emenda 1

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 47 u 52 tagħha,

Emenda

wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, **16**, 47 u 52 tagħha,

Or. en

17.5.2021

B9-0272/2

Emenda 2

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, **li r-Renju Unit jagħmel parti minnhom,**

Emenda

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali **tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll il-protokoll emendatorju tagħha ("Konvenzjoni 108+"),** li r-Renju Unit jagħmel parti minnhom,

Or. en

17.5.2021

B9-0272/3

Emenda 3

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-kapaċità li d-data personali tiġi ***trasferita*** bejn il-fruntieri għandha l-potenzjal li tkun ***xprunatur*** ewlieni tal-innovazzjoni, il-produttività u l-kompetittività ekonomika;

Emenda

A. billi l-kapaċità li d-data personali tiġi ***trasferita*** bejn il-fruntieri għandha l-potenzjal li tkun ***xprun*** ewlieni tal-innovazzjoni, il-produttività u l-kompetittività ekonomika, ***u hija ta' importanza kruċjali għal kooperazzjoni effettiva fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transfruntiera u serja kif ukoll fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li kulma jmur qed tiddependi dejjem aktar mill-iskambju tad-data personali;***

Or. en

17.5.2021

B9-0272/4

Emenda 4

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ba. billi r-Renju Unit tradizzjonalment kien sieħeb kummerċjali importanti ta' ħafna Stati Membri tal-UE kif ukoll alleat mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà; billi l-UE u r-Renju Unit għandhom iżommu din il-kooperazzjoni mill-qrib minkejja l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE peress li dan se jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/5

Emenda 5

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Bb. *billi l-impriżi Ewropej jeħtieġu ċ-
ċarezza u ċ-ċertezza tad-dritt peress li l-
kapaċità li d-data personali tiġi trasferita
minn naħa għall-oħra tal-fruntieri saret
importanti ħafna għat-tipi kollha ta'
kumpaniji li jipprovdu oġġetti u servizzi
fuq livell internazzjonali; billi deċiżjoni ta'
adegwatezza rigward ir-Renju Unit skont
il-GDPR hija ta' importanza mill-akbar
peress li ħafna impriżi Ewropej jagħmlu
kummerċ man-naħa l-oħra tal-Kanal
Ingliż, b'mod partikolari minħabba l-fatt
li l-Brexit għadu reċenti ħafna u l-flussi
tad-data fl-Unjoni ma ġewx soġġetti għal
restrizzjonijiet; billi n-nuqqas ta'
adozzjoni ta' qafas ta' adegwatezza robust
jirriskja li jkun hemm interruzzjonijiet fit-
trasferimenti kummerċjali transfruntiera
tad-data personali bejn l-UE u r-Renju
Unit kif ukoll spejjeż għoljin ta'
konformità;*

Or. en

17.5.2021

B9-0272/6

Emenda 6

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Bc. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jinkludi għadd ta' salvagwardji u kundizzjonijiet għall-iskambju ta' data personali rilevanti fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi; billi n-negozjati dwar il-flussi tad-data personali saru b'mod parallel man-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni iżda ma ġewx iffinalizzati sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020; billi "klawżola passerelle" ġiet inkluża fit-TCA bħala soluzzjoni provviżorja, dment li r-Renju Unit jimpenja ruħu li ma jibdix ir-reġim attwali tiegħu rigward il-protezzjoni tad-data, sabiex tiġi żgurata t-tkomplija tal-flussi tad-data personali bejn ir-Renju Unit u l-UE sakemm tiġi adottata deċiżjoni ta' adegwatezza; billi l-perjodu inizjali ta' erba' xhur ġie prorogat u se jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju 2021;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/7

Emenda 7

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

C. billi *l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni* qabel ma ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha **ma kinitx kompluta u kienet inkonsistenti** mar-rekwiżiti tal-QĠUE għall-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza, **u dan ġie enfasizzat mill-EDPB fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-adeqwatezza, fejn jagħti** parir lill-Kummissjoni biex tkompli tivvaluta aspetti speċifiċi tal-liġi u l-prattika tar-Renju Unit relatati mal-ġbir fuq skala kbira, l-iżvelar barra mill-pajjiż u ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-intelligence, użu addizzjonali tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-indipendenza tal-kummissarji ġudizzjarji;

C. billi *l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni approfondita* qabel ma ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha **bi qbil** mar-rekwiżiti tal-QĠUE għall-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza; **billi l-EDPB, fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-adeqwatezza, ta** parir lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta aspetti speċifiċi tal-liġi u tal-prattika tar-Renju Unit relatati mal-ġbir fuq skala kbira, l-iżvelar barra mill-pajjiż u ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-intelligence, użu addizzjonali tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-indipendenza tal-kummissarji ġudizzjarji;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/8

Emenda 8

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi l-Kummissjoni bħalissa tirrikonoxxi lil 12-il pajjiż terz bħala li pajjiżi li jipprovdu protezzjoni adegwata skont il-GDPR u reċentement ikkonkludiet taħditiet mar-Repubblika tal-Korea f'dan ir-rigward; billi r-Renju Unit huwa l-ewwel pajjiż li lilu l-Kummissjoni tipproponi li tagħti l-adeqwatezza skont id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/9

Emenda 9

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Gb. billi l-każ tar-Renju Unit huwa differenti mill-valutazzjonijiet tal-adegwatezza preċedenti kollha peress li jikkonċerna Stat Membru preċedenti tal-UE li inkorpora d-dispożizzjonijiet tal-GDPR fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u barra minn hekk ippreveda li l-leġiżlazzjoni nazzjonali derivata mill-UE kollha, inkluża l-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, se tkompli tapplika wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/10

Emenda 10

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jinnota li r-Renju Unit huwa firmatarju tal-KEDB u tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali; jistenna li r-Renju Unit ***jiżgura l-istess qafas minimu ta' protezzjoni tad-data, minkejja li ħareġ mill-Unjoni Ewropea;***

1. Jinnota li r-Renju Unit ***inkorpora d-dispożizzjonijiet kollha tal-GDPR fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Unjoni tkompli tapplika; jenfasisza, barra minn hekk, li r-Renju Unit huwa firmatarju tal-KEDB u tal-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali kif ukoll tal-protokoll emendatorju tagħha, "Konvenzjoni 108+"; jistenna li r-Renju Unit jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont dawn it-Trattati internazzjonali;***

Or. en